Lulju - Diċembru 2020 Ħarġa Nru: 104

# IL-PRESEPJU

Pubblikazzjoni Għaqda Ħbieb tal-Presepju - MALTA



Newspaper Post

c/o 56, "Amaltea"
Triq il-Marġ, Attard, ATD 2382

**Għaqda Ħbieb tal-Presepju - Malta**

Ħarġa tal-fuljett
Lulju - Diċembru 2020
Maħruġ kull 6 xhur: VO / 0844

Kull korrispondenza għandha tiġi indirizzata lis-Segretarju,
is-Sur Charles A. Bellia
"Amaltea" 56, Triq il-Marġ,
Attard, ATD 2382, Malta

*Proof-Reading:*
Jessie Chircop / Alex Powell
Jonathan Balzan

*Setting*: Stefan Zahra




Ritratt tal-Qoxra:
Xena tan-nativitá

Stampat:
**BONNICI PRESS**
VALLETTA
Tel: 2122 4607

# Werrej

| | |
|---|---|
| L-Editorjal | 03 |
| Kelmtejn mill-President | 04 |
| Presepju fil-Book of Records | 05 |
| Il-Museo Divino Infante | 06 - 07 |
| Tislima lil Laurie Gatt (is-City) | 08 |
| Il-Miżata | 09 |
| Logo ġdid tal-Għaqda | 10 |
| Itolbu għaliha l-Ġesu Bambin | 11-14 |
| Pastur ċkejken jiċċaqlaq | 15 |
| Meditazzjoni lejliet il-Milied | 16 |
| Il-Presepju wara t-tieqa | 17 |
| Il-Milied fil-Ġimgħa l-Kbira | 18 - 19 |
| Il-Crackers tal-Milied | 20 |
| Id-Dawl tas-siġra tal-Milied | 21 - 23 |
| Il-Pasturi Maltin tal-imgħoddi | 24 - 25 |
| Ftit nafu bihom | 26 - 27 |
| San Ġorġ Preca | 28 - 31 |
| Awguri tal-Milied | 32 |

**L-Għaqda Ħbieb tal-Presepju, Malta tirringrazzja lil kull minn kiteb f'din il-ħarġa tal-fuljett.**



# L-Editorjal ...

Din is-sena li qegħdin fiha, jiġifieri s-sena 2020, ma nistax ma nixtiqhiex togħsfor minn ħajti. Kienet sena tal-waħx, sena ta' dulur kbir għad-dinja kollha mill-aktar nies sinjuri u prominenti sal-inqas bniedem li jeżisti fid-dinja. Iva, dan il-virus Covid-19 ġab lil kulħadd f'keffa waħda u f'pożizzjonijiet tal-biża'. Kbar u żgħar ma nistgħux nersqu lejn xulxin, l-ekonomija mfarrka, nies bla xogħol, familji mkissrin... il-faqar żdied. Tiftaħ fejn tiftaħ fuq il-mezzi soċjali ħlief aħbarijiet fuq is-sitwazzjoni mwiegħra tad-dinja ma tismax.

Iżda jien f'dan il-gwaj kollu, il-fatt li ġej il-Milied, qiegħed inessini ftit minn dan il-gwaj. Iva, dan huwa żmien ta' riflessjoni, żmien ta' meditazzjoni. Qiegħed imbeżża' u mwerwer għax ma nafx għada hux ser inkun jien li ndabbar dan il-virus! Iva, wieqaf quddiem il-presepju xtaqt li kont pastur milli għandi fih. Inħares lejhom u tiġini l-għira. Hemm statiċi b'dik it-tbissima fuq fommhom, ferħana sejrin lejn il-grotta tal-Bambin. Ma jafux bil-gwaj ta' din is-sena. Jiena bdejt nifli kull pastur u xtaqt li kont minflokhom, hemm qalb dik l-atmosfera ferriħija, inżommilhom idejhom biex nimxu flimkien lejn is-Sagra Familja. L-intenzjoni tiegħi mhux bħal tal-pasturi li sejrin lejn il-grotta jew biex jaqtgħu l-kurżita' wara li semgħu l-aħbar tal-anġli jew għax vera riedu joffru xi rigali lill-Bambin. Kienet x'kienet l-intenzjoni tal-pasturi...tiegħi kienet differenti. Jien ridt li mmur lejn il-grotta biex f'isem l-umanita` nitlob lill-Familja Mqaddsa tidħol għalina l-bnedmin u teħlisna minn dan l-infern... il-Covid-19. Nitlob lill-Bambin biex jiftaħ widnejH u jisma' l-karba ta' dawk l-imġarrbin. Iħares lejn dawk li mardu jew li mietu, lejn dawk li sabu ruħhom f'iżolament tal-biża'. Ridt ngħidlu kemm familji waqgħu fil-faqar għax spiċċaw bla xogħol. Ridt ngħidlu ukoll kemm tfal qed isofru għax jafu x' laqathom. Iva, dak kien il-ħsieb tiegħi li nakkumpanja l-pasturi. Xtaqt insemma' l-karba tiegħi lit-tarbija ta' Betlem, ridt naqsam miegħu n-niket tiegħi u bħal donnu nwassallu l-messaġġ li qisu abbandunana. Bħal donni ridt ngħidlu qum u għamel xogħlok u sikket il-mewġ tal-għawġ li ħakem lid-dinja.

Ħarist lejn il-presepju, hekk kif kont mitluf fi ħsibijieti... qisni stħajjilt li rajt lill-Bambin jitnikket u bħal donnu rajtlu demgħa. Stħajjiltni li rajt xufftejH jitbexxqu. Qalb dawk il-ħsejjes stħajjiltu jgħidli... "Kuraġġ... agħmel il-qalb...ibqa' itlob...JIEN SE NKUN MAGĦKOM..." Imbagħad ħassejt paċi u afdajt fiH.

Ma nafx meta jew kemm ser idum magħna dan il-gwaj. Pero' żgur li hemm Hu, Ommu u Ġużeppi li ser jinterċedu għall-bnedmin. Nemmen li dalwaqt joħorġuna minn din il-pandemija.

Milied iswed... Milied differenti.... pero' il-ħajja tkompli ... it-Tama ma' tmut qatt.

**Frans Chircop**
Editur

# Kelmtejn mill-President



ALEX POWELL

Kemm kien ikun eħfef kull sena, meta jkun riesaq il-Miled Imqaddes, minn dawn il-paġni taqra b'ferħ li reġa' wasal iż-żmien favorit tagħna, wasal il-Milied, żmien il-presepju. Din is-sena dan qed niktbu b'għafsa ta' qalb.

Jidher li se tkun diffiċli ħafna li jsiru esebizzjonijiet ta' presepji bħal ma' kien diffiċli li jsiru wirjiet u attivitajiet oħra. Sakemm qed nikteb huma diversi dawk li normalment jagħmlu wirjiet tal-presepji li ddikjaraw li din is-sena mhux se jarmaw. Din l-aħbar nisslitli demgħa u emozzjoni ta' uġigħ.

Il-kumitat tal-Għaqda Ħbieb tal-Presepju, Malta, xorta għaddej bil-ħidma daqslikieku se jorganizza l-wirja annwali. L-akbar uġigħ ta' ras hija fejn se nkunu nistgħu nagħmlu dan minħabba li erġajna sibna ruħna mingħajr post għall-wirja. Minkejja l-ħidma li għaddejja, xorta tibqa' tberren f'moħħok li wara kollox dan jista' jkun għalxejn, almenu din is-sena.

Imma jekk allura il-wirjiet ma jimmaterjalizzawx, se jkollna opportunita' oħra. Dik li nkattru l-użanza tal-presepji fid-djar tagħna, fil-familji. F'Malta din l-użanza qaddisa u popolari kienet u għadha b'saħħitha. L-istorja turina li missirijietna fit-tmintax u d-dsatax-il seklu, meta kienu jkunu mpurtati presepji u pasturi ta' ċertu valur, bħal dawk Naplitani u Sqallin, kien diffiċli għall-familji fqar li jagħmlu dan. Imma x-xewqa li fid-djar ikun hemm ir-rappreżentazzjoni tax-xena tat-twelid ta' Ġesu' Bambin kienet kbira wisq, għalhekk xi artiġjani, jew forsi inqas minn hekk, tħajjru jaqbdu t-tafal u jaħdmu l-pasturi huma. Pasturi fqar ħafna għal nies fqajra. Permezz tagħhom seta' jibda jitgawda l-presepju fid-djar fqar Maltin. Presepju b'ġebel rustiku (komunement u b'mod żbaljat magħruf b'gagazza) ingastat flimkien u xi naqra ħass u rina, b'xi friegħi tas-sagħtar, li kien għadu abbundanti u tazza taż-żejt tixgħel quddiemu kien l-aqwa mezz biex tinġabar il-familja u fiha jitnissel l-ispirtu qaddis tal-Milied.

San Ġorġ Preca kien irid li lit-tfal kollha li jattendu d-duttrina tingħatalhom grotta fil-Milied, u hekk tista' tgħid li daħħal il-presepju f'kull familja Maltija. L-istess it-twaqqif tal-Għaqda Ħbieb tal-Presepju, waħda mill-għanijiet prinċipali tagħha hu li tinkoraġixxi l-bini tal-presepju fid-djar Maltin.

Forsi din is-sena se tiżdied ma' din il-lista u minflok il-wirjiet, se nitħeġġu aktar li jkollna l-presepji fid-djar tagħna. Nieħdu din l-opportunita', ma nħallux il-qtigħ il-qalb li qed iġġib il-pandemija ttelfilna l-ħeġġa għall-presepju. Immiddu jdejna u naħdmu l-presepju tagħna. Niġbru t-tfal u nħalluhom imiddu jdejhom, iqattgħu, iħalltu, jwaħħlu, jċappsu u jiċċappsu, jiżbgħu. Iġbruhom madwar il-presepju, madwar il-maxtura tal-Bambin. Ħallu ħsibijiethom jimirħu u jimmaġinaw. Ħalluhom jifirħu bil-ġrajja tal-Milied u jgħaddu l-ferħ tagħhom fuqna, u hekk anke f'dan iż-żmien diffiċli inħossu l-ferħ qaddis li jagħtina il-Presepju Imqaddes.

Il-Milied it-Tajjeb lilkom u lill-familji tagħkom

**Paċi u Sliem**

# Presepju fil-Book of Records

## L-AWTUR TAL-GĦANJA " NINNI LA TIBKIX IŻJED"







Il-Guinness Book of World Records jikkwota presepju maħdum minn Tomáš Krżza (1838-1918) bħala l-ikbar presepju tat-tip tiegħu. Tomáš Krżza li kien jaħdem il-kalzetti u kien jgħix Jindrichuv Hradec u llum nafuha bħala r-Repubblika Ċeka, qatta' sittin sena jibni l-wirja elaborata tal-presepju u li fih għandu 1389 figurini tal-bnedmin kif ukoll tal-annimali. Tomáš Krżza beda jibni din il-kollezzjoni billi ifforma l-grotta fejn twieled il-Bambin u maż-żmien kompla kabbar il-presepju, li illum jinsab fil-mużew ta' Jindrichuv Hradec. F'dan il-presepju hemm xeni bibbliċi kif ukoll xeni mill-ħajja ta' kuljum.

**SANTONS**

Il-Provinċja ta' Provence hija magħrufa bħala l-bejta tal-artiġjanat fejn jidħlu l-kreazzjoni ta' statwi żgħar jew kif inhuma mlaqqmin is-santons, maħdumin bl-idejn mill-materjal tat-tafal. Kif ġara ma' Franza kollha, il-presepju qabad sew u hekk ukoll il-figurini tal-presepju. Pero' għal bidu, dawn is-santons kienu ħafna elaborati u lussużi li ftit setgħu jixtruhom.



**RUMA**

Ħafna studjużi jemmnu li l-figuri tal-irħam li jinsabu fil-Bażilika ta' Santa Maria Maggiore f'Ruma huma parti mill-aktar presepju antik fl-Italja. Dawn jikkonsistu minn statwa tal-Madonna, San Ġużepp u l-Bambin. Dawn l-istatwi jgħidu li l-iskultur tagħhom kien Arnolfo di Cambio u jaħsbu li saru bejn is-snin 1284 u 1289.

# Il Museo Divino Infante

MINN CHARLES BELLIA



Wisq probabbli ftit huma dawk li żaru Gardone Riviera fuq il-Lago di Garda fl-Italja u għal ħafna iktar, l-isem ta' Hiky Mayr ma' jfisser xejn.

Gardone Riviera huwa wieħed mill-irħula pittoreski madwar il-Lago di Garda. Huwa magħruf għal ħafna lukandi lussużi li hemm kif ukoll għall-istil ta' ħajja Nordika u serena li joffri.

Hiky Mayr, imwielda l-Ġermanja u kollezzjonista tal-arti, hija miżżewġa lil Rudy Mayr, lukandier famuż li flimkien maż-żewġ uliedhom huwa l-propjetarju ta' waħda mill-isbaħ lukandi fiż-żona. Minkejja x-xogħol li tagħmel biex tgħin fit-tmexxija tal-lukanda tal-familja, Hiky issib il-ħin biex mhux biss iġġemma' oġġetti ta' arti, imma wkoll tirrestawra dawn l-oġġetti qabel iżżidhom fil-kollezzjoni tagħha. Għal xi żmien hija kienet ittella' wirjiet f'diversi mużewijiet rinomati kemm fl-Italja kif ukoll f'pajjiżi oħra. Il-kummenti tal-pubbliku kif ukoll dawk tal-kritiċi tal-arti, fosthom l-editur artistiku Franco Maria Ricci, li anke ppubblika ktieb dwar dawn il-wirjiet, kienu ferm pożittivi tant li kkonvinċew lil Hiky Mayr biex twaqqaf il-mużew personali tagħha. Dan għamlitu f'Gardone Riviera fejn kienet toqgħod. Hija tgħid li b'din l-inizjattiva riedet wkoll tgħid 'Grazzi' lil dan ir-raħal li laqagħha u li kienet tqisu bħala d-dar tagħha.

Il-linja prinċipali li ssegwi hija dik tal-istatwi tal-Bambin Gesu'. Fil-fatt l-isem tal-Mużew huwa eżattament: MUSEO DEL DIVINO INFANTE.

Meta jitkellem ma' Hiky Mayr, wieħed mill-ewwel jinduna bid-dedikazzjoni kbira li hija għandha għar-riċerka u l-iskoperta ta' dawn l-istatwi jew skulturi ta' Ġesù. Kemm l-istil kif ukoll il-qisien tagħhom (60 sa 90ċm dawk bil-wieqfa u 50 sa 70ċm dawk mimdudin) juru biċ-ċar li ma kienu jiffurmaw parti minn ebda presepju. Dawn l-istatwi, li ħafna minnhom kellhom bżonn restawr, kultant estensiv, jirrappreżentaw patrimonju imprezzabbli fl-arti Taljana. Li ma kienx għad-dedikazzjoni ta' Hiky Mayr, aktar minn 200 statwa ta' Ġesù Bambin kienu jintilfu għal dejjem b'telfa kbira għall-arti u l-kultura Taljana.



Dan il-Mużew, li jien kelli x-xorti nżur waqt li kont preżenti għall-għoxrin edizzjoni tal-Kungress Presepistiku Mondjali organizzat

*Ikompli f'paġna 7*



mill-Universalis Fħderatio Prġsepistica, huwa l-uniku mużew fid-dinja kollha li fih hemm miġbura kollezzjoni kbira u importanti ta' skulturi ta' Ġesù. Maġenb kull statwa wieħed isib informazzjoni dwar it-teknika u materjal użati biex saru l-istatwi ta' Ġesù Bambin kif ukoll dokumentazzjoni dwar ir-restawr li sar fuq kull statwa.

F'dan il-mużew, Ġesù Bambin jidher f'diversi forom u stili. Hemm statwi ta' Ġesù Bambin għarwien, bil-fisqija, kif ukoll bi lbies lussuż ta' re żgħir. Numru sew minn dawn l-istatwi huma miżmumin f'kaxxi tal-ħġieġ dekorati li kienu jintużaw biex l-istatwi jinġarru fil-purċissjonijiet jew biex jintrefgħu fihom. Dawn il-kaxxi kienu wkoll jintużaw biex l-istatwi jinżammu għad-devozzjoni fi djar tan-nobbli.

Il-kollezzjoni li tinsab fil-Museo del Divino Infante hija ta' valur artistiku kbir u ssaħħar saħansitra studjużi kbar tal-arti sagra anke minħabba d-diversita' ta' karattri ta' Ġesù Bambin li jinsabu fiha.

Flimkien mal-istatwi ta' Ġesù Bambin, il-viżitatur jista jammira wkoll statwi ta' Marija Bambina. Dawn l-istatwi instabu fin-naħa ta' fuq tal-Italja, partikolarment fir-reġjun tal-Lombardija. Skond il-Cardinal Federico Borromeo (1564-1631) dawn l-istatwi kienu juru tarbija femminili mkebba fil-ħrieqi u mdawwra bl-anġli. Jingħad li dawn l-istatwi kienu jingħataw lit-tfajliet li jidħlu sorijiet kif ukoll lill-għarajjes bħala simbolu tal-fertilita'. Billi din it-tradizzjoni kienet magħluqa f'reġjun wieħed, dawn l-istatwi ta' Marija Bambina kienu ftit u għalhekk huma rari ħafna. Fil-mużew ta' Hiky Mayr wieħed jista jammira sebgħa minn dawn l-istatwi li tnejn minnhom huma partikolarment prezzjużi.

Meta ltaqgħet mal-kungressisti u introduċiet ruħha, Hiky Mayr qalet: "Parti kbira minn din il-kollezzjoni jiena xtrajtha mingħand regettiera. Ħafna drabi kienu jkunu mkagħbrin sew. Għalhekk kont inħoss li għandi nirrestawrahom qabel jitpoġġew fil-mużew. Meta jkun meħtieġ li nirranġa l-ilbies, jew nagħmel xi libsa ġdida, infittex drapp tal-epoka jew xi paramenti sagri li ma jkunux għadhom jintużaw. Dawn normalment insibhom fi ħwienet tal-antikita'. Kultant ikolli nagħmel riċerki kbar biex nasal li nirrestawra statwi antiki ħafna."

Fil-Museo del Divino Infante insibu wkoll presepju Naplitan maħdum u mibni fuq disinn ta' Hiky Mayr nfisha. Hija ħadet ħsieb li tqassam dan il-presepju f'partijiet speċifiċi biex min jarah ikun jista jifhem is-sinifikat ta' kull parti u l-personaġġi li hemm fih.

Bħalma spjegat is-Sinjura Mayr, l-istudju artistiku fuq l-istatwi f'dan il-mużew ma jispiċċa qatt. Ix-xewqa tagħha hija li grupp ta' persuni li għandhom verament għal qalbhom l-arti sagra u partikolarment dik marbuta ma' xbihat ta' Ġesù Bambin, jersqu lejn il-Museo del Divino Infante biex flimkien magħha jitgħallmu jmexxu 'l quddiem il-minjiera ta' arti u informazzjoni li hi irnexxielha tiġbor matul aktar minn erbgħin sena.

L-aħħar kumment tiegħi huwa wieħed ta' apprezzament lis-Sinjura Mayr li laqgħet ix-xewqa tiegħi li nikteb dwar 'il-mużew tagħha' fil-fuljett tal-Għaqda Ħbieb tal-Presepju – Malta.

# Tislima lil Laurie Gatt (is-City) ...

MINN CHARLES A. BELLIA - SEGRETARJU/PRO GĦAQDA ĦBIEB TAL-PRESEPJU

Il-ħolma ta' Laurie dejjem kienet li joħloq mużew tal-presepju. Kien ilu snin twal jaħdem presepji u pasturi għal dan il-għan! Żewwaq il-kollezzjoni tiegħu ukoll b'xogħlijiet ta' artisti barranin. Qatt ma qata' qalbu. "Xi darba jasal," kien jgħidli bi tbissima fuq wiċċu.

Għal ħabta ta' nofs is-sena 2018 kien ċempilli u stedinni nżur il-mużew li kien beda jieħu l-forma. Laqgħani bi tbissima li kienet sinonima ma' Laurie s-City, għax hekk kienu jafuh il-Mostin u ħbieb oħra. "Sal-Milied ikun lest", qalli. U hekk kien! Imma Laurie ried ikompli jorganizza u jkabbar il-kollezzjoni ta' presepji li ġabar u ħadem matul is-snin. Fil-mużew kellu wkoll il-laboratorju tiegħu fejn kien iqatta' siegħat fejn kien jibni presepji u jaħdem ukoll il-pasturi għalihom.



F'egħluq is-sentejn minn meta l-ħolma tiegħu saret rejalta', Laurie ma ħadimx iżjed! Nhar it-3 ta' Ottubru, 2020, huwa ħa l-aħħar nifs u mar jiltaqa' mal-Mulej.

Bil-mewt ta' Laurie, il-presepju f'Malta tilef ħabib sinċier. Minkejja l-persuna goffa li kienet ixxekklu fil-mobilità tiegħu, kien ikun minn ta' quddiem biex jipparteċipa f'attivitajiet presepistiċi mhux biss fil-gżejjer Maltin imma wkoll barra minn Malta. Ta' veru dilettant tal-presepju, kien dejjem lest biex jgħin lil ħbieb tal-presepju oħrajn. Għalkemm ma kienx nieqes mill-idejat u l-kapaċita' fil-ħolqien tax-xenarju presepistiku, baqa' sal-aħħar ifittex idejat ġodda dwar it-teknika presepistika. Kien saħansitra jsiefer biex itejjeb l-esperjenza tiegħu f'korsijiet minn artisti barranin.

It-talent artistiku li kien igawdi Laurie ma rnexxilux jibdillu l-karattru simpatiku tiegħu. Dejjem baqa' ħabib umli, jilqa' lil kulħadd bi tbissima u jaqsam l-imħabba li kellu għall-presepju ma ta' madwaru.

Laurie ma għadux magħna... l-Anġli li tant kien iħobb ipoġġi fil-presepju, ġew u ħadu lil ruħu quddiem il-Mulej biex tirċievi l-mistrieħ ta' dejjem.

Grazzi Laurie! Grazzi tal-memorji sbieħ li ħallejt warajk, bil-qiegħda mal-mejda tax-xogħol tifforma presepju, tistukkah, tiżbgħu biex finalment tpoġġi fih il-figuri tas-Sagra Familja li aktarx ikunu wkoll frott ta' jdejk.

Minn dawn il-paġni nixtieq, f'isem sħabi tal-Kunsill Amministrattiv u l-membri tal-Għaqda Ħbieb tal-Presepju – Malta, inwassal il-kondoljanzi lill-familja u qraba ta' Laurie.



# Il-Miżata ...

Għeżież Membri.

Qed joqrob iż-żmien meta l-Għaqda tistenniena biex inħallsu l-miżata għas-sena 2021.
Konna nieħdu gost niltaqgħu magħkom waqt il-wirja u wara li nitkellmu u nikkummentaw dwar ix-xogħlijiet esibiti, numru sabiħ minnkom kienu wkoll iħallsu il-miżata għas-sena li tkun ġejja.

Meta qed niktbu dan l-avviż, ma nafux jekk hux ser ikollna l-istess ċans din is-sena. Il-Wirja 2020 għadha dubjuża kemm minħabba post adegwat fil-Belt Valletta kif ukoll minħabba l-pandemija tal-Covid 19 li ħarbat ħafna festi. Ħaġa waħda li ma waqqafx dan il-virus – l-ispejjeż li kull għaqda jew soċjetà tkun trid tagħmel biex tkompli tmexxi l-għanijiet tagħha. Inħeġġu lil kulħadd li jaġġorna s-sħubija tiegħu u fl-istess ħin jgħin lill-Għaqda tkompli bil-ħidma tagħha favur il-presepju.

Min jibgħat il-ħlas tal-miżata bil-posta jirċievi, flimkien mar-riċevuta, sett ta' erba' kartolini li huma tifkira tal-presepji mill-wirjiet fis-Sala San Franġisk.

# LOGO ĠDID ...

## L-Għaqda Ħbieb tal-Presepju - Malta għandha emblema ġdida!

Waqt il-Laqgħa Ġenerali Annwali 2020 li saret f'Marzu li għadda, il-Kunsill Amministrattiv ippropona li tinbidel l-emblema, jew logo, tal-Għaqda tagħna.

Il-Kunsill ħass li l-logo tal-Għaqda Ħbieb tal-Presepju – Malta għandu jkollha sinjal ċar marbut mal-gżejjer Maltin. Il-proposta kienet li l-mappa ta' Malta titneħħa mill-logo u minflok jiġi inkluż is-Salib tat-Tmien Ponot magħruf ukoll bħala s-Salib tal-Kavallieri.

Din il-proposta għaddiet b'vot unanimu u l-Kunsill ingħata l-awtorità li jipprepara u joħroġ dan il-logo.

Fil-ħarġa numru 103 tal-fuljett tagħna saret sejħa biex il-membri jkollhom iċ-ċans li jippreżentaw disinn għal dan il-logo. Dan id-disinn kellu jinkludi kemm il-presepju rappreżentat mis-Sagra Familja kif ukoll is-salib imsemmi bil-kuluri Maltin abjad u aħmar.

Irċevejna diversi idejat li kollha kienu b'xi mod josservaw il-kriterji mitluba. Grazzi lil kull min offra l-ideja tiegħu.

Wara diskussjoni fil-Kunsill intagħżel id-disinn li jidher f'din il-paġna kif ukoll fuq il-paġna ta' quddiem ta' din il-ħarġa tal-fuljett. Dan id-disinn ukoll kellu jiġi xi ftit mibdul skond il-ħsibijiet li ħarġu mill-membri tal-Kunsill. Hemm il-ħsieb li fil-futur ikollna wkoll badges tal-Għaqda b'dan il-logo li minn issa nħeġġukom li takkwistawhom.

Il-Kunsill jixtieq jinforma lil kulħadd, li dan il-logo huwa propjetà tal-Għaqda Ħbieb tal-Presepju – Malta u jista jintuża biss fuq pubblikazzjonijiet u *stationery* tal-istess Għaqda. Ħadd ma jkun jista' juża dan il-logo mingħajr il-permess bil-miktub maħruġ mill-Kunsill Amministrattiv tal-Għaqda Ħbieb tal-Presepju – Malta.



**Zgura Milied qaddis billi tgħin b'kull mezz lil minn hu verament fil-bżonn fis-silenzju ...**

# "Itolbu għalija lil Ġesu Bambin!" jew ... Meta sirt predikatur!

MINN CHARLES A. BELLIA

Kos kif jgħaddi ż-żmien!

Kien ix-xahar ta' Settembru 1955. Kelli ħdax-il sena, il-kbir fost seba' aħwa u wieħed minn grupp ta' madwar 30 tifel u tifla, bejn kuġini u ġirien, li konna niltaqgħu f'parti ta' Triq is-Salib, in-Naxxar biex nilagħbu bil-ballun, il-ħarba, bix-xixu u ħafna logħob ieħor li llum għadu jeżisti biss fil-memorja ta' min bħali qabeż l-eta' tal-pensjoni bi ftit snin mhux ħażin.

Ġurnata fost l-oħrajn, innutajt li missieri kien wasal lura mix-xogħol qabel is-soltu u mort nara x'kien ġara. "Il-pa fejnu, ma?"staqsejt lil ommi. "Qed jinħasel", qaltli. "Mur biddel int ukoll għax iridek tmur miegħu għand l-Arċipriet."

Fi ftit minuti kont lest, missieri lesta qabli. Tlaqna lejn il-knisja parrokkjali, eżattament fis-sagristija. Kien hemm Dun Pawl Said, l-Arċipriet, li deher kien qiegħed jistenniena. "Kollox sew Vitor?" staqsa lil missieri. "Hawn aħna sur Arċipriet, ma ngergrux!" kienet it-tweġiba. "Hawn hu l-predikatur!" qal Dun Pawl. Dawwart rasi u ma rajt lil ħadd. "Għalik qed ngħid," reġa' l-Arċipriet. "Għandi biċċa xogħol għalik, trid tagħmilha?" Jien ħarist lejn missieri u fuq wiċċu rajtlu nofs tbissima. "X'nagħmel?" staqsejt. Dun Pawl fetaħ kaxxarizz, ħareġ pitazz u newwilhuli. "Hawn," qalli. "Tgħallem dan bl-amment."

Ftaħt il-pitazz u fuq l-ewwel paġna kien hemm il-kelmiet: " Prietka tal-Milied – Parroċċa Naxxar". Għajnejja nfetħu



beraħ. "Dan kollu rrid nitgħallmu?" staqsejt waqt li komplejt naqleb il-folji. "Qed taqta' qalbek?" kien pront l-Arċipriet. "Fadal iktar minn xahrejn għall-Milied."

Qatt ma kont wieħed li naqta' qalbi, u sfida minn dejjem kont nidħol għaliha bir-ras. "Le," għidtlu, "imma ridt inkun ċert." "Mela miftehmin aħna. L-ewwel ikkopja dak li għandek fuq dak il-pitazz, kelma b'kelma. Wara studjah bl-amment; mhux kollu f'daqqa, imma faċċata faċċata sakemm titgħallem il-prietka kollha. Kultant nibgħat għalik biex tgħidli fejn wasalt. Jekk tagħmilha sew nagħtik rigal sabiħ." Dawn l-aħħar żewġ kelmiet għamluli iktar kuraġġ. "Ok," għidtlu, "berikni." "Ħalli f'idejna Arċipriet," assigurah missieri, "Benediċte."

Il-kelmiet "Kunu mberkin" bilkemm smajthom. Kont diġa ħriġt mis-sagristija. It-triq lejn id-dar aktar ġrejtha milli mxejtha. Kif wasalna d-dar mort nagħti l-aħbar lil ommi. Kif urejtha l-pitazz qabżitilha demgħa. Probabbli kienet taf

*Ikompli f'paġna 12*

li kienu ġejjin xahrejn ta' battikati biex nitgħallem dik l-imbierka prietka. Imma ta' omm mimlija paċenzja u għożża għal uliedha qaltli, "Bravu, issa ejja kul, mur orqod u għada naraw."

Ma nafx kemm-il darba stenbaħt dak il-lejl. Imma niftakar li kif sebaħ ksirt ir-rekord. Tirt mis-sodda ħerqan biex nibda nikkopja l-prietka. "Fejn ser noqgħod, ma?" staqsejt. "L-aħjar fil-kċina," qaltli ommi, "ħalli tkun taħt għajnejja. Ara m'hemmx tferfix u ikteb sew u ċar." "Ok!", iddikjarajt jien u poġġejt bil-qiegħda.

Minn meta kont nitfa ta' tifel kont kurjuż biex nara kif inhu magħmul oġġett li jiġi f'idejja, sew jekk ġugarell, sew jekk le. Minħabba f'hekk, wara li żarmajt xi tlieta jew erba' 'fountain pens', kont kostrett li nuża l-pinna bit-tokka u l-klamar biex nikteb xi ħaġa. U hekk ġara bil-prietka tal-Milied. Id-dokument finali kien fih kitba skura u oħra ċara. Xi taqtira linka żejda ma naqsitx. Insejt kemm domt nikkopja, imma niftakar li l-aħħar sentenza kienet ... "Itolbu għalija lil Ġesu Bambin".

Fil-ġranet ta' wara ma nafx kemm - il darba qbadt naqra l-prietka u nieqaf qabel nasal sa nofsha. Ir-ripetizzjoni bdiet iddejjaqni!. Ommi ndunat, u, "Dalwaqt tibda l-iskola u tkun trid tlaħħaq ukoll mal-homework," qaltli, "Mur ġib dik l-imbierka prietka." Għamilt kif qaltli u poġġejt il-pitazz fuq il-mejda. Kont ser inpoġġi bil-qiegħda. "Aqbad il-pitazz," qaltli, "mur f'tarf il-kamra u ibda aqra għajjat." Hekk għamilt imma wara żewġ paġni, waqaft biex speċi nistrieħ. Il-ħarsa t'ommi kienet ordni, "Kompli, tieqafx." Għaddast rasi u komplejt naqra. Waqaft xi darbtejn oħra imma fl-aħħar waslet is-sentenza li kont ili nistenna. "Itolbu għalija lil Ġesu' Bambin."

Dan l-episodju beda jkollu replika kuljum! L-udjenza wkoll bdiet tiżdied sakemm spiċċajt b'seba' pari għajnejn u daqstant ieħor widnejn miftuħa u attenti jarawni naqra l-prietka tal-Milied. Fl-aħħar kont nispiċċa b'ċapċipa, imma l-kritika ma naqsitx l-aktar minn ħuti l-kbar, għalkemm iżgħar minni. Min qal li dawk li jagħmlu l-prietki ma jkollhomx pitazz, oħra riditni niftaħ idejja meta ngħid "Glorja" u sejrin. Sal-lum għadni nemmen li dawn il-kummenti kienu jkunu suġġeriti minn ommi, għax kienet taqbel magħhom kollha.

Missieri ma qagħadx lura, anzi kien aktar iebes! "Inti mhux bl-amment qed titgħallimha? Urini x'tgħallimt! Tini dak il-pitazz ; jekk teħel ngħinek jien." Il-metodu ta' missieri kien iktar effettiv għax kien ikolli naħseb xi jmiss, mhux naqra bla ma naħseb. Bil-mod il-mod moħħi beda jaħżen is-sentenzi b'mod kronoloġiku u jien bdejt nieħu aktar kunfidenza.

Lejn l-aħħar ta' Ottubru, bagħat għalija l-Arċipriet fid-dar tiegħu għax ried jarani u jismagħni nipprietka. Qlajt il-prosit għax minkejja xi ftit żbalji, mort tajjeb. "Issa trid tibda tirreċta l-prietka, mhux tgħid il-kliem biss. Trid tibda' tiġi hawn darba fil-ġimgħa biex ngħinek titgħallem aħjar." U hekk ġara. Kien jurini ċerti movimenti ta' jdejja, kif indur biex nara n-nies kollha fil-knisja, eċċ. Kont immur id-dar u nkompli nistudja dawn il-mossi quddiem il-kongregazzjoni żgħira u privata tiegħi. Il-kunfidenza bdiet tiżdied u s-sodisfazzjon kien jidher fuq wiċċ kulħadd.

Wasal tmiem Novembru. Kien

Ikompli f'paġna 13

għad hemm xi sentenzi li kont neħel meta nasal għalihom, partikolarment jekk qabel kien ikolli xi kliem bil-Latin. Imma wara għadd ta' ripetizzjonijiet u twiddib ta' "Moħħok hemm," kont nasal biex ma nitfixkilx.

Nhar il-festa tal-Kunċizzjoni, 8 ta' Diċembru, kelli mmur niltaqa mal-Arċipriet, din id-darba fis-sagristija. Kif rajtu u b'ton ta' protesta, għidtlu, "Illum għandi l-birthday!" "Tajjeb," qalli, "niċċelebrawh flimkien." Ħriġna fil-knisja u staqsieni, "Taf fejnu l-pulptu?" Ma rrispondejtux għax qalbi bdiet tgħaġġel; imma urejtu fejn kien b'subgħajja. "Itla hemm fuq u kif nagħmillek is-sinjal ibda." Kieku tefagħli barmil ilma kiesaħ ma kienx jaħsadni daqshekk! Għamilt kuraġġ u tlajt dawk il-ftit tarġiet li jwasslu fuq il-pulptu. Minn hemm fuq rajt li kien fadal xi ftit nies fil-knisja u b'sinjal ta' idi ġbidt l-attenzjoni ta' Dun Pawl. "Ma jimpurtax," qalli, "lejliet il-Milied ikun hawn ħafna aktar. Rodd is-salib u ibda."

Is-salib raddejtu, idejja ftaħthom, imma bil-kemm smajt l-ewwel kelmiet ħerġin minn ħalqi. "X'ġara? Ma smajtekx," qalli l-Arċipriet. "Mil-lum trid tibda' tgħajjat ħalli nisimgħek minn hawn isfel. Erġa ibda." Erġajt raddejt is-salib, ħadt nifs qawwi u bla ma naf kif il-kelmiet: "Gloria in altissimis Deo, et in terra pax hominibus!" dwew mal-knisja kollha. Mara anzjana li kienet f'tarf il-korsija, bdiet iċċapċap u tellfitni r-rankatura. Dun Pawl mar fuqha u qalilha xi ħaġa. Dar lejja u qalli, "Erġ'ibda u tieqafx jiġri x'jiġri." Jien hekk għamilt. La kont qed nara u anqas nisma'. Weħilt xi tlieta jew erba' darbiet, imma fl-aħħar smajt lili nnifsi ngħid, "Itolbu għalija lil Ġesu Bambin."

Mas-sinjal ta' Dun Pawl biex ninżel, it-taraġ tal-pulptu qbiżtu tnejn tnejn. "Għamilt ħafna żbalji?" staqsejtu malli wasalt ħdejh. "U le," qalli, "xi wieħed 'l hemm u 'l hawn. Studja ftit ieħor u tkun perfett. Kun imbierek issa, narak tmint' ijiem oħra wara l-barka." "OK. Grazzi," għidtlu; u tlaqt.

L-aħħar prova tal-prietka kellha tkun f'waħda mill-ġranet tan-Novena. Kelli mmur ftit qabel is-soltu biex insib l-ilbies għad-daqs tiegħi. Ma tantx kien faċli; kollha kienu qosra xi ftit. Fl-aħħar, l-Arċipriet qabad waħda u, "Ħu din," qalli. "Għid lil ommok tniżżlilha l-keffa u tiġik tajjeb." Kienet suttana sewda li tinqafel ma nafx b'kemm il-buttuna fuq quddiem. Kienet mimlija qtar tax-xemgħa. Magħha kelli spellizza bajda bil-piegi rqaq u berittin iswed. Ma' dan sibt xorti għax kien jiġini perfett. Meta ħadthom id-dar, ommi fehmet mill-ewwel x'kien meħtieġ. Is-suttana twalet xi żewġ pulzieri u l-għada fil-għodu l-ispellizza spiċċat għand is-sorijiet biex jaħsluha u jillamtawha. Sadanittant ommi qabdet gazzetta u ħadida tal-mogħdija u f'kemm ili ngħidlek is-suttana ġiet qisha ġdida. Ma kienx fadlilha qatra xemgħa fuqha.

Wasal il-jum tant mistenni – Lejliet il-Milied. Id-dar kulħadd anzjuż biex jasal filgħaxija; għax kulħadd ried jiġi u jisma' l-prietka tal-Milied! Il-ftehim kien li mmorru kollha flimkien, imma meta naslu, missieri u jien nidħlu fis-sagristija u ħuti, flimkien ma' ommi jpoġġu fil-korsija tan-nofs. It-twiddiba, "Ara li kulħadd joqgħod kwiet," ma nafx kemm-il darba smajtha dak inhar.

U filgħaxija wasal ukoll. Ommi kienet

*Ikompli f'paġna 14*

lestiet xi ikel imma l-istonku tiegħi kien mimli friefet! Tazza kamumilla sħuna għamlet miraklu. Intant wasal il-ħin biex immorru l-knisja. Ħriġna mid-dar, jien fuq quddiem imdawwar minn ħuti (is-supporters) u warajna ommi u missieri. Dħalna l-knisja u kulħadd ħa postu kif miftiehem.

Jien dħalt fis-sagristija fejn laqagħni l-Arċipriet. "Kif int?" staqsieni, "il-friefet raqdu?" "Iva," għidtlu, "kollox sew." Kienu qed joqorbu l-11.30 p.m. Ilbist is-suttana u l-ispellizza u mort fil-kor fejn missieri kien diġa sab post minn fejn seta jara l-pulptu sew. Poġġejt ħdejħ. "Il-pitazz ġibtu?" staqsieni. "Iva", għidtlu, "tajtu lil dak li tiela' miegħi fuq il-pulptu." Dan kien abbati li kellu jagħmilha ta' suġġeritur f'każ li neħel f'xi sentenza.

Il-ħoss ta' qanpiena fis-sagristija indika li kienet ħa tibda' l-quddiesa ta' nofsillejl. Il-friefet fl-istonku tħajjru jiċċaqilqu imma malajr ikkalmaw. Ftit wara, l-abbati suġġeritur għamilli s-sinjal biex nipprepara ruħi. Dort lejn missieri u, "Berikni," għidtlu. Qalli xi ħaġa u ma fhimtux. Naħseb kien eċċitat iktar minni.

Inqara l-vanġelu u ħriġt fuq il-presbiterju mal-abbati – jien bil-berittin f'idi. Waqafna quddiem l-Arċipriet, li kien il-prim ċelebrant, u f'dak il-ħin kien bil-qiegħda fil-ġenb tal-artal. Sellimtlu b'inkin u hu berikni bis-sinjal tas-salib. Ilbist il-berittin, tlajt it-taraġ tal-pulptu u l-ewwel ħaġa li għamilt tajt ħarsa biex nara fejn kienu s-supporters. Malajr immarkajthom ... iż-żgħira fost il-bniet xejjritli b'idejha. Ommi kellha wiċċha mgħotti b'velu iswed, forsi biex ma nagħrafhiex u nitfixkel. Ħarist lejn il-kor u nħsadt ... missieri kien ser iqabbad sigarett! Imma ġie f'sensieh u tefa' kollox.

Minn hemm fuq stajt nara kif il-knisja kienet miżgħuda bin-nies. Raddejt is-salib, ftaħt idejja bħal kurċifiss u smajt il-vuċi tiegħi ħierġa minn fuq il-pulptu, "GLORIA IN ALTISSIMIS DEO, ET IN TERRA PAX HOMINIBUS BONA VOLUNTATIS!" Dan il-kliem ħassejtu jimlili sidri bl-arja u wara li sellimt lil dawk preżenti, "Sagri Ministri u Insara Devoti," bdejt ir-rakkont tat-Twelid tal-Bambin Ġesù mill-episodju taċ-ċensiment. Tant dħalt fl-ispirtu tar-rakkont li la ndunajt li ommi kienet kultant tixref minn wara l-velu u tħares lejja u anqas li missieri ma kienx għadu bil-qiegħda fil-kor!

Intant kien wasal il-mument meta lejn tmiem il-prietka kelli nagħmel talba lil Ġesu' Bambin. Dort lejn l-artal maġġur fejn kien hemm ix-xbieha tal-Bambin iħares lejja u wara pawsa qasira għidt l-aħħar kelmiet tiegħi. Kienet talba miktuba bħala parti mill-prietka li studjajt, imma bla ma naf kif smajt lili nnifsi ngħid, " u fl-aħħar nitolbok tbierek lil familja tiegħi għal paċenzja li ħadu bija. Amen. U intom ħuti, itolbu għalija lil Ġesu' Bambin". L-applawsi fil-knisja ma kienux moda dak iż-żmien, imma t-tgedwida ta' "prosit" ġriet mal-knisja kollha.

Dort biex ninżel minn fuq il-pulptu u għal ftit ma tfixkiltx fil-ġisem tas-suġġeritur li kien rieqed fuq it-taraġ. Messejtu b'sieqi u nħasad. "Mela lest?" qalli. Miskin ġralu bħal Xmun Pietru fl-ort tal-Ġetsemani. Għaddejna minn fuq il-presbiterju, sellimna lis-saċerdoti ċelebranti u dħalna fil-kor. Lil missieri rajtu fis-sagristija, jitkellem ma' qassis Naxxari, b'tazza kafe' f'id waħda u sigarett nofsu maħruq fl-oħra.

# Pastur ċkejken jiċċaqlaq

MINN SR. NOEMI TAL-ANĠLI OCD

Saħħarni presepju jiċċaqlaq. U bħal tifla żgħira, b'geddumi f'idejja u b'għajnejja jixegħlu qgħadt inħares lejn dawk il-ħafna grotti ħdejn xulxin b'ħafna xeni differenti mill-ħajja ta' kuljum. Xi ħlewwa ta' pasturi kull kulur, min qed jagħmel ħaġa u min oħra: in-nissieġ iċaqlaq idu, ir-ragħaj iċaqlaq rasu u l-fqira ċċaqlaq sieqha biex tfittex tmur tara l-Bambin! Għall-ħoss ta' gelgul ilma qed in-ixxi taparsi ħdejn raddiena ddur, u għar-riħa qawwija ta' kolla friska mħallta mal-fwieħa tas-sagħtar u r-riħan, għajnejja ffissaw fuq l-aktar pastur li laqatni... Ġużeppi għarkobbtejh ħdejn il-maxtura b'idejh it-tnejn fuq qalbu u rasu tiela' u nieżla qisu jtenni u jerġa' jtenni "iva, iva,iva, ..."

Ġużeppi! Kemm inti sabiħ tadura bla waqfien lil Alla tarbija. Kemm inti kbir inti u tgħasses l-egħżeż żewġ teżori tal-Ħallieq. U kemm inti għani moħbi fil-faqar għammieq tal-grotta ta' Betlehem. Inti u tħarrek rasek biex tgħid "iva" u terġa tgħid "Iva", tfakkarni f'kemm obdejt bla ma qist qiesek. B'dak is-skiet, b'dak is-sabar, b'dik l-umilta', b'dik id-diskrezzjoni, b'dik il-qawwa, b'dik il-ħlewwa, b'dik il-bżulija. B'dik il-qdusija, kemm obdejt, maħbub Ġużeppi, kemm obdejt! Int tant kont safi li taħt l-istess saqaf miegħek stħaqqlek tgħajjex lil min tnissel mingħajr tebgħa. Inti tant kont tishar fit-talb li Alla seta' jurik triqtek fid-dlam permezz tal-Anġli messaġġiera tiegħu. U inti tant kont prudenti li Alla ma staħax jixxejjen quddiemek. Għandek raġun tagħfas idejk it-tnejn mal-qafas ta' sidrek, għax hemm ġew tinsab moħbija l-isbaħ qalb li ħalaq Alla wara dik ta' Ibnu u Ommu Marija. Kif jista' jkun mhix l-isbaħ waħda, meta kienet hi li waqfet maġenb Omm Alla qed iġġorru tarbija? Meta kienet hi li ħabbet fuq li ħabbet lill-ikbar żewġ imħabbiet li qatt ħalqet l-Imħabba? Deh kif jista' jkun mhux tiegħek l-isbaħ qalb, meta fiha hemm imsakkar fis-sigriet dak kollu li Alla xtaqu jibqa' mistur mill-misteru tal-Inkarnazzjoni Divina? Iva, l-isbaħ misteru li twettaq fid-dinja qiegħed maq



ful fis-skiet u ndurat bis-safa ta' dik qalbek irżina, bħal f'xi arka qaddisa mħarsa mill-Anġli qaddejja.

Kellimni Ġużeppi, kellimni! U għidli x'nista' nagħmel biex jiena wkoll insir sabiħa u qaddisa bħalek. Għallimni Ġużeppi, għallimni! U wrini t-triq tal-għerf li twassal għal ubbidjenza sħiħa bħal tiegħek, ħalli bħalek inkun nista' ngħanni r-rieda ta' Alla fis-solitudni ta' qalbi! Ħallini nkun bħal pastur ċkejken li jiċċaqlaq bħalek, ħalli ma naqlax għajnejja minn fuq Alla mlaħħam, ħalli nibqa' nħares il-Kelma bla naqta', u mħarrka biss mill-Ispirtu s-Santu ma niqafx ngħid "iva" u nerġa' "iva" għal dak kollu li jitlob minni Alla l-Missier. Biex jiena u nobdi lill-Anġli qaddisa fl-iljieli ta' ħajti, jiena wkoll, bħalek maħbub Ġużeppi, inkun nista' ngawdi sa minn din l-art ħelwa, dik il-ħbiberija, mill-qrib ma' Alla magħmul ċkejken, u ma' Ommu Marija Santissima.

**Amen**



# Meditazzjoni lejliet il-Milied

MINN P. CHARLES DELIA SJ

Fid-dlam li waqa' fuqna,
Fit-taqtigħ ta' dil-gwerra dinjija,
Meta l-mewt u l-biża biss
Qegħdin isaltnu fuqna
U l-paċi tbiegħdet u donnha nħbiet minn fostna
għax donnu m'hawnx għajr il-ħoss tal-ġlied
U tal-ħruxija.
B'qalbna magħsura llum, Ġesù Bambin,
Quddiem il-grotta tiegħek ġejna
Nistennewk titwieled ġol-qalb tad-dinja tagħna...
Erġa ejja u semmgħalna l-leħen smewwi
Ta' dak il-lejl qaddis ... issa ilu ħafna!
Imbikkija u mifnija, arana Ġesù,
U erġa ħenn għalina!
Fil-grotta ma qegħednix għalik benniena
Bit-tiben sħun, ħafif u ħlejju.
M'għandix ħlief xewk niggież,
Għollieq il-ħtija, il-ħjiena
U l-ebusija tal-moħħ, tal-qalb
Tal-għelt, tal-firda ...
Imm'int ma ġejtx tfittex għalik
Il-ħajja komda, l-gost, il-hena.
Ġejt biex tbati minflokna, għalina.
Ġejt biex tħallas dejn u hekk tifdina.
Ftakar Ġesù, f'dan il-Milied, erġ'ejja,
rattab mal-miġja tiegħek il-benniena
tar-rjus u l-qlub tagħna bnedmin.
Welled is-sliem, il-paċi fina u fostna...
ma' dik it-tama li ġibitna hawn.
Għax taf li din il-lejla wkoll
Terġa titwieled, fi ħdan ġrajjietna!
U terġa' x-xebba twasslek għandna
Fil-għar mudlam sewdieni
Fejn jaħkmu biss il-qtigħ il-qalb, il-biża'
Il-baħħ, ix-xejn, il-vojt u d-diwi tagħhom
Li nisslet fina u fostna l-ħtija...
Erġ'ejja mela Ġesù, ċkejken tarbija.
Jekk tonqos int u s-sliem tal-miġja tiegħek
Fil-grotta tal-presepju dal-Milied,
Minn fostna tgħib il-festa, id-dawl, il-ħajja,
Isaltnu fostna l-mewt, id-dlam, id-diqa
Tal-qalb, il-għira, u tal-mibegħda l-ġlied!

**Meħuda mid-Dawl Franġiskan - Diċembru 2001**

# Il-PRESEPJU wara t-tieqa ...



Bħal ma għamlu dawk kollha li kitbu f'din il-ħarġa tal-fuljett, dawn l-erba' kelmiet qiegħed niktibhom fl-eqqel tal-pandemija tal-Covid 19 meta ninsabu b'qalbna maqtugħa li bħal snin oħra in-tellgħu il-wirja annwali tal-presepji. Il-fatt li ma kellniex sala fejn inpoġġu l-presepji tagħna, ma dejjaqniex sa barra, għax xi soluzzjoni konna nsibu; imma kontra l-virus, li taf li qiegħed idur miegħek imma ma tistax tarah biex tevitah, ma tistax issib soluzzjoni għajr li toqgħod għall-kenn!

Dan ma jfissirx li ma 'niċċelebrawx' il-Presepju; anzi, irridu nkunu aħna li noħolqu atmosfera ta' festa għat-Twelid ta' Ġesù Bambin. Dan billi nużaw it-twieqi tad-djar tagħna biex wara l-ħġieġ tagħhom inpoġġu s-siġra tal-Milied, xi kewba kbira tixgħel, imma fuq kollox inpoġġu lil Ġesù Bambin. Jekk għandna tieqa fil-livell tat-triq hija idejali biex warajha npoġġu l-presepju, jekk it-tieqa hija ftit fil-għoli, inpoġġu lill-Bambin imdawwar bil-qamħ u l-ġulbiena. Bid-dwal irqaq u kuluriti nsebbħu t-twieqi tagħna, imma l-ispot light indawwruha fuq il-Bambin.

Dan huwa l-messaġġ tal-Għaqda Ħbieb tal-Presepju – Malta. Il-wirja ta' presepji għad nistgħu nagħmluha fit-toroq tagħ-na, minn ġo djarna, minn wara l-ħġieġ tat-twieqi tagħna. Mela ejjew, kuraġġ! Ma nħallux lil Covid 19 itellifna (għal kollox) il-ferħ li aħna tant imdorrijin bih matul Diċembru meta nkunu resqin lejn il-Milied madwar il-Presepju.

# Milied fil-Ġimgħa l-Kbira

MINN JONATHAN BALZAN



Donnu hu kollu minnu li l-istorja tirrepeti ruħha kull mitt sena. Il-pesta fl-1720. Il-kolera fl-1820. L-influwenza Spanjola fl-1918. Il-covid-19 fl-2020. Kumbinazzjoni? Malta, bħal pajjiżi oħra, intlaqtet ukoll mill-vajrus sporadiku. Ma domnix ma esperjenzajna dak li bdew jgħaddu minnu pajjiżi oħrajn b'mod allarmanti l-Italja, Spanja u r-Renju Unit. Bdew ifeġġu l-każijiet. Daħlu l-miżuri. Tħassru avvenimenti. Oħrajn posposti, lokalment u globalment. Studenti temmew ħesrem l-iskola. Festi ikkanċellati. Waqaf il-futbol. Impatt fuq l-ekonomiji. Tista' tgħid li kull individwu intlaqat mod jew ieħor. Donnu d-dinja kienet impjant għaddej fuq il-magni. Ħabta u sabta intefa l-main swiċċ. Il-kumplament kulħadd jaf x'ġara.

Pożittivament ħafna ħatfu l-opportunita' u qabdu jew iddedikaw aktar ħin għal xi passatemp, manutenzjoni d-dar, esperimentaw fit-tisjir, għamlu xi forma ta' eżerċizzju, qattgħu iktar ħin mal-familja, qraw xi ktieb li kien ilu jilqa' t-trab fuq l-ixkaffa u ħwejjeġ oħrajn. Jien ma qgħadtx lura. Filwaqt li bqajt għaddej bl-eżerċizzju tiegħi regolarment, sibt iktar ħin għall-qari u l-pinna. Proprju dilkitba ġiet fi żmien l-Għid meta l-Ewropa kollha kienet fil-qalba tal-imxija b'ċifri eżorbitanti ta' imwiet u sitwazzjonijiet delikatissimi. Biżżejjed wieħed jara l-Papa waħdu fil-pjazza tal-Vatikan jitlob biex jidhol f'qoxortu.

Daqskemm inħobb il-Milied u l-funzjoni ta' nofsillejl, nistenna bil-ħerqa l-Ġimgħa Mqaddsa bis-sehem tiegħi f'diversi purċissjonijiet u l-vġili tal-Għid. F'ħajti iltqajt ma' min hu bħali, min iħobb żmien il-Milied biss u min jgħix għal Ġimgħa Mqaddsa s-sena kollha. Tistgħu taħsbu kemm kienu rassenjati, diżappuntati, u anki mgħaddba x'ħin ħarġet l-aħbar li tħassar kollox. Jien xejn inqas. F'dalwaqt xtaqt kont bħal xi ħbieb li għalihom sitta u sitta tnax u l-aqwa li jieklu l-bajd taċ-ċikkulata u l-figolla bl-intrita.

Iżda kulħadd tiegħu jħoss. F'kull delizzju. Kull weġgħa. Kull telfa.
Dakinhar tal-Ġimgħa l-Kbira li kieku kont taqta' rasi ma kinetx toħroġ qatra demm. Saħansitra l-eżerċizzju ma ikkonfortanix. Daħħaltha f'rasi li lanqas purċissjoni waranofsinhar ma nara fuq it-televizjoni biex ma nroxx melħ fuq il-ferita. Bqajt inħares lejn is-sandli tar-Rumani li kont ġibt mill-knisja għal mal-libsa dis-sena u lejn  il-qafla- tistennieni norbotha.
Mifxul u bla sabar. Ir-rumanz li kont qed naqra ma ridtx narah b'għajnejja wkoll. Dil-ġurnata ħtieġilha tgħaddi ħesrem. Fl-istess ħin ma xtaqtx inħossni ħati li ħlejtha u komplejt noħnoq lili nnifsi. Tgħidlix kif moħħi u riġlejja ħaduni ħdejn il-ġablo li kelli merfugħ għall-użu fis-sajf. Bdejt naħseb, inħażżeż u naqta' bix-xafra u fi ftit minuti l-bitħa imtliet frak joqmos u jitħarrek bħal bżieżaq tal-ilma. Fejn qatt kien jgħaddili minn moħħi li fil-Ġimgħa l-Kbira fl-istess ħin li s-soltu inkun indur il-wirjiet u l-knejjes filgħodu kont qed infassal presepju! Nistqarr li fi ħsibijieti dewa l-eku taċ-ċuqlajta u l-istadji f'mixjieti waqt il-purċissjoni. Issa la l-presepju kont bdejtu ridt inkomplih fil-ġranet sussegwenti.
Illum lest. Ġie għal qalbi ħafna u għandi seba' mitt sena biex narah għal wiri f'Diċembru. Feġġet lura tbissima fuq fommi u wiċċ gdiedem sal-art tul il-Ġimgħa Mqaddsa kollha battew. Fil-jum tal-passjoni u l-mewt irnexxili wkoll ngħix it-twelid ta' Kristu. Bis-saħħa tal-presepju.
Dis-sena tassew nista' nistqarr mal-Għaqda Ħbieb tal-Presepju li żammejt il-Milied ħaj is-sena kollha lil hinn mill-fuljett!

# Ejja Twieled ġewwa Fina ...

Ejja Twieled ġewwa Fina
Dal-Milied, O Ġesù ħelu
Ejja twieled ġewwa fina
Bierek lill-familji tagħna
Ferħ il-ġenna fis agħtina

Itfa' l-ħarsa ħelwa tiegħek
Fuq tant morda, imnikktin,
'Tina l-faraġ, 'tina l-maħfra
Għaliex aħna midinbin.

O kemm kienu xxurtjati
Dil-il-baqra, dak il-ħmar
Illi kienu fl-għar preżenti
Quddiem dak l-għaġeb li sar.

Min jaf kemm ferħu r-rgħajja
Jaduraw dik it-Tarbija
Waqt li s-sema mtela bl-anġli
Ikantaw dlonk għalenija:

"Glorja 'l Alla u sliem lilkom
Minn dan l-għoli tas-smewwiet
O bnedmin ta' rieda tajba
Għalikom il-Paċi ġiet."

Jalla dan il-ferħ, dil-Paċi
Li jġibilna l-Milied
Isaltnu jibqgħu għal dejjem
F'qalb l-irħula u l-bliet.

Dal-Milied Ġesù Tarbija
Waħħadna għal dejjem miegħek
Ma' kulħadd ħalli nistqarru
Illi aħna l-ulied tiegħek.

**Kav. Joe M. Attard**
Victoria.

# L-Crackers tal-Milied ...

MINN MARION HIGGINS DEBONO



Il-Christmas Crackers kienu ivvintati mit-tfajjel Tom Smith, li kien jaħdem f'ħanut ta' wieħed jaħdem il-ħelu. Meta kiber, Tom Smith rama għaliħ ħanut tal-ħelu u wara mar sa' Pariġi fejn ra kunfetti magħrufa bħala bon-bon li huma bċejjeċ tal-ħelu mgeżwrin fil-karti kkuluriti. Meta reġa' mar l-Ingilterra, Smith beda jesponi għall-bejgħ minn dan il-ħelu bonbon, li bih għamel suċċess kbir. Minn dawn il-bonbons, Smith ħoloq il-Crackers.

Darba, lejlet il-Milied, meta Smith kien ħdejn iċ-ċumnija għas-sħana tal-ħatab, li kien kwazi sar ġamra nar, ta daqqa ta' sieq fuq ħatba, li minnha ħarġu ħafna suffarelli li bdew ifaqqgħu. Minn dawn is-suffarelli malajr ġietu l-idea tal-cracker, li hi t-tfaqqigħa li ssir meta l-cracker tinġibed miż-żewġt itruf.

Wara bosta esperimenti, Tom Smith irnexxielu jagħmel il-cracker kif inhi llum. Aktar ma jgħaddi ż-żmien, dawn il-crackers iżjed bdew ikunu eleborati. Tant li fihom beda jżid ġugarelli żgħar, kpiepel tal-karti kkuluriti u tant affarijiet oħra li llum tant saru popolari.

Tom Smith għamel il-fortuna tiegħu b'dawn il-crackers li vvinta madwar 140 sena ilu u li llum ġew perfezzjonati f'kull dettall.

# Id-Dawl tas-siġra tal-Milied ...

MINN JESSIE CHIRCOP

Fil-fuljett tagħna matul is-snin inkitbu diversi stejjer dwar is-Siġra tal-Milied. Din id-darba psibt li nikteb xi paġa dwar kif żviluppat is-Siġra bid-dwal.

## Fis-seklu 18

Qatt psibt biex tagpmel l-istess xogpol gpal sigpat twal? Tedjanti u ta' dwejjaq hux? Mela, ara kif tpossok jekk kellek twappal gpexieren u gpexieren ta' xemgpat mixgpula ma' biċċa siġra... u dan kien isir b'xemgpa maplula. Min kien jagpmel dan ix-xogpol kien irid ipalli ħdejh barmil ilma jew ramel. Pafna kienu ilhom japsbu kif isibu mezz mhux perikoluż biex jagpmlu dan. Sapansitra kienu waslu biex ivvintaw plattini żgpar b'holder fejn toqgpod ix-xemgpa u fit-tarf bħal speċi ta' labra tal-inxir biex tkun tista' tepel mas-siġra. Minkejja li kienet tkun diffiċli u perikoluża li tixgħel ix-xemgpat ma' siġra kważi niexfa, xorta in-nies kienu jiepdu gost bl-atmosfera tat-teptip tax-xemgħa. Mhux l-ewwel darba li saru inċidenti serji fejn qabdu djar sħaħ. Fil-fatt kienu jżommu barmil tal-ilma jew tar-ramel biex f'kas ta' ħruq jitfu s-siġra. Din id-drawwa baqgpet sejra sas-seklu għoxrin.

## 1848

Ftit taż-żmien wara The Illustrated London News uriet stampa tal-koppja Rjali, ir-Reġina Victoria u l-Prinċep Albert, imdawrin ma' siġra tal-Milied, kbira mhux pażin, b'uliedhom pdejhom. Din id-drawwa gpoġbot pafna lis-soċjeta' Ingliża. Paġa tal-iskantament fis-sena 1850 parġet stampa differenti minn din. Fiha ir-Reġina tpallitilha barra l-kuruna u lill-Prinċep neppewlu l-mustaċċi. Din l-istampa dehret fil-ktieb Godey's Lady's Book. Din it-tieni stampa saret popo-



lari pafna fl-Istati Uniti u saret magprufa bpala "l-ewwel siġra tal-Milied Americana"

## 1882

Thomas Edison kien imsemmi bpala l-missier tal-bozza elettrika. Imma ma nistgpux ngpidu l-istess li kien missier id-dawl tas-siġra tal-Milied. Fil-fatt Edison kien rama' is-siġra tal-Milied u minflok kien rabat speċi ta' pabel bil-bozoz tiegpu madwar il-laboratorju ta' Menlo Park bit-tama li jirbap il-kuntratt biex jipprovdi d-dawl lil Manhattan. Sadanittant, il-viċi president ta' Edison Electric Light Company, Edward H. Johnson, żejjen is-siġra tiegpu li kellu fit-tieqa bi 80 bozza, pamra, bajda u blu fid-dar tiegpu ġewwa Fifth Avenue. Dan l-avveniment ġie injorat mill-istampa lokali. Fortunatament gpal Johnson l-ispettaklu tad-dawl fit-tieqa ġibed l-attenzjoni tal-gazzetta Detroit News u tant kiseb fama dan Johnson li ġie mlaqqam bpala Missier is-Sigra tal-Milied tal-Elettriku!.

## 1895

Il-pubbliku baqa' jibża' minn din is-siġra tal-Milied li tixgpel bid-dawl u kienu tal-idea li tax-xemgpa kienu aktar siguri. Dawn l-ideat kollha taru mar-rip hekk kif il-President Grover Cleveland, it-22 President tal-Amerika dappal l-ewwel siġra tal-Milied li kienet tapdem bl-elettriku fil-White House. Din is-siġra kellha aktar minn mitt bozza kkulurita u ta' lwien differenti... Il-poplu għoġbitu din il-biċċa u f'kemm ili ngpid saret popolari pafna. Pero' il-kont tad-dawl kien għoli ħafna u ftit setgħu jaffordjawh. Il-prezz biex tikri ġeneratur u tixgħel is-Siġra tal-Milied kien jiswa $300 ($2000 tal-lum). Minħabba f'hekk, dawn is-siġar tal-Milied kont issibhom għand is-sinjuri u nies ta' klassi għolja.

## 1917

Wara li kien hemm nirien kbar fi New York City, minpabba f'siġra tal-Milied li kienet tapdem bix-xemgpa, Albert Sadacca, ġuvnott ta' xi tmintax-il sena ġietu idea. Hu uża l-bozoz li kienet tipproduċi l-fabbrika ta' familtu. Huwa għamel użu mill-bozoz bojod u tahom il-kulur. Għall-ewwel darba, wieħed seta' juża is-siġra tal-Milied bla periklu. Albert Sadacca tant irnexxa b'din l-idea li fl-1925, waqqaf il-kumpanija bl-isem NOMA Electric Company (National Outifit Manufacturer's Association), li saret l-akbar ażjenda fid-dinja li tipproduċi id-dawl tal-Milied.

## 1920

Hekk kif id-dawl bil-bozoz mas-siġar tal-Milied beda jirranka u bdew isiru aktar popolari, in-nies riedu bozoz b'forom differenti bpal ...fjuri, snowman, qaddisin u sapansitra l-istess Santa Klaws. Minn dan nibtet l-idea ta' wirjiet ta' mixgħela tad-dawl mal-Amerika kollha! Frederick Nash organizza, f'Altadena, California, l-ewwel mixgħela pubblika tas-siġar tal-Milied mixgħula bil- bozoz tad-dawl li dawret Santa Rosa Avenue fi Christmas Tree Lane. Din l-attivita' baqħet issir sallum bl-eċċezzjoni tat-tieni gwerra dinija. Biex ma ninsewx, irridu niftakru li fl-1923 il-President Calvin Coolidge xegpel is-Siġra tal-Milied

*Ikompli f'paġna 25*

Nazzjonali bi 3000 lampa.

### 1944

Peress li l-Amerika kienet gpadha fil-gwerra u kien hemm ir-restrizzjonijiet tal-blackout, is-siġar tal-Milied f'Rockefeller Centre, preċiżament tlieta minnhom, baqħpu mitfijin dik is-sena. Kull siġra tal-Milied fl-Amerika dik is-sena kienu baqgħu ma ġewx mixgpula. Dan, is-sena ta' wara pattew għalih bi kbir, għax għamlu sitt ultraviolet light projectors biex għamlu 700 globi fjorixxenti. Is-siġar kellhom dehra tal-ġenn.

### 1959

Il-popolarita' tas-siġar tal-Milied magpmula mill-aluminju kibret sew, speċjalment l-Evergleam. Dan ġab żvilupp radikali fejn jidplu l-lampi. Peress li l-lampi tal-kulur kienu perikolużi mal-metall, hawn nibtet l-idea li jwapplu s-siġra tal-Milied ma rota b'kuluri differenti. Din kienet iddur u lampa taptha. Tant gpamlet suċċess li fl-1966 il-kumpanijia NOMA (li semmejna aktar 'il quddiem) u li kellha monopolju fuq il-bozoz tal-Milie, falliet. Mas-sena 1970, id-dawl tas-siġra tal-Milied bdew jiġu impurtati.

### 1970

Bil-wasla tal-bozoz żgħar ikkuluriti, li gpadna nsibuhom sallum, saret rivoluzzjoni spipa fis-settur tat-tiżjin tas-siġar tal-Milied. Dawn il-bozoz żgħar juru pafna, ma jiswewx pafna flus u jużaw ftit kurrent elettriku f'kull strixxa bozoz. Dan l-istil ta' dekorazzjoni bil-bozoz żgpar tas-siġar tal-Milied bdew jintużaw anke fid-djar u l-faċċati tad-djar.

### 1989

L-Amerikani saru aktar u aktar kompetittivi billi ppruvaw jagpmlu aktar u aktar esebizzjonijiet ta' kif jixeghlu l-faċċati tad-djar, ġonna, vilel eċċ. Dan il-konsum tad-dawl xi kultant kien ta' periklu kbir minpabba li s-sistema tal-installazzjonijiet tad-dawl ma kienx ikun jiflap gpall-kwantita' kbira ta' bozoz li kien ikun hemm. Pero' nitkellmu kif inhi, l-atmosfera kienet tkun fenomenali, speċjalment jekk tkun għadha kif niżlet il-borra. Hekk tistgpu taraw din id-dar fl-istampa. Din hija id-dar ta' Clark Griswold (Chevy Chase) li rnexxielu jdawwalha bi kwantita' kbira ta' bozoz. Dan ir-ritratt deher fin-National Lampoon's Christmas Vacation.

### 2004

F'pafna komunitajie ħarġet l-aħbar li xi npawi bdew jagħmlu wirjiet sbieħ u attraenti. Matt Burgess waqqaf il-website ... tackylighttour.com wara li qara fuqha f'The Richmond Times-Dispatch. Bl-introduzzjoni tal-lampi LEDs saret taqliba tremenda fejn jidpol it-tiżjin kemm tas-Siġar tal-Milied kif ukoll tad-djar, uffiċini, każini etċ. Dawn kienu ħafna aktar faċli biex jimpressjonaw lill-ammiraturi. Fl-2011 is-Siġra Nazzjonali f'Washington D.C ġiet imżejna b'65 sett ipprogrammati u bil-mużika.

Hekk rajna fuq fuq liż-żvilupp tal-bozoz tas-siġra tal-Milied.

# Il-Pasturi Maltin ta' l-Imgħoddi ...

MINN JOSEPH MUSCAT



Ara ma naħsbux li se nitkellmu minn xi pasturari Maltin li kellhom xi xogħlijiet li tista' tqabbilhom ma' dawk Naplitani jew Sqallin. Ser nitkellem ftit fuq xi mgħallmin tal-pasturi Maltin li taw kontribut biex ikollna xi mudelli / pasturi Maltin.

Jissemmew xi ftit Ġanni Apap, il-Kapuċċin Patri Mamo, Duminku Busuttil, Fra Wiġi Poggi tat-Tereżjani u Wistin Camilleri li ħallew xogħol ta' pasturi sbieħ. Hu mifhum li Wistin (1935-1970), laħaq ħadem bosta pasturi u b'riħet hekk beda wkoll il-karriera tiegħu bħala artist. Kien hemm bosta li kienu jikkupjaw il-pasturi u jaħdmuhom bl-irħis bil-mass production. Kienu jaħdmu bit-tafal, l-orħos materjal li kienu jsibu. Kien hemm oħrajn li kienu jaħdmu l-pasturi bix-xema', li kont issibha bil-kwantità f'dawk iż-żminijiet. Fost dawn kien hemm l-oqsma tal-Mużew fejn kienu jagħmlu l-forom tal-ġibs verġni tal-pasturi, bambini, nagħaġ, iġmla u ħamiem forma tal-Ispirtu Santu.

Wieħed mir-Rabat, is-Sir Stivala, għalliem fl-iskola primarja, kien jagħmel presepju u jagħmel ukoll il-pasturi. Dawn kienu magħrufa bħala pasturi tas-sold. Dan is-Sur Stivala kien jagħmel il-forom hu

*Ikompli f'paġna 29*

u baqa' xi ħaġa minn tiegħu. Kien isib it-tafal meħtieġ mill-Wied tal-Isqof qrib ir-Rabat u jaħdem id-dar.

Persuna oħra li ftit jafu fuqha hija Milja tal-Mużew. Din kellha l-ħanut tax-xogħol fl-Imdina u kienet pasturara mara, professjonista, għax kienet tagħmel il-pasturi biex tgħix mill-qligħ li jħallu u għax tgħallmet is-sengħa miċ-ċokon. Il-ħanut tal-pasturi kien biswit il-knisja ta' San Nikola. Din kienet minn Bormla u telgħet toqgħod l-Imdina minħabba l-gwerra. Il-ħanut kien żgħir u kien jismu Casa Bottega. Waqt li kienet taħdem il-pasturi, tat-tafal jew tax-xemà, kien ikollha ktieb l-Arloġġ Mużewmin...ktieb tat-talb.

Milja tibqa' magħrufa għax-xogħol tax-xemà. Kienet tispeċjalizza fil-frott tax-xemà għax barra dawk tal-larinġa u tal-lumija, li fihom kienet tpoġġi l-pasturi żgħar tax-xemà tal-grotta, kienet tagħmel ukoll tal-ħawħ, tuffieħ ta' bil-ludja, bajtar ta' San Ġwann, żewġ tadamiet żgħar, mandolina, brunġiela u żewġ ġewżiet.

Mal-mewt ta' Milja ntilfet sengħa oħra li kienet marbuta mill-qrib mal-istorja tal-presepju tradizzjonali Malti.

Nazzarenu Gauci (1927-1995), jew kif konna nafuh aħjar bħala d-Disma. Kien pasturaru miż-Żejtun u li ħadem ħafna u ħafna pasturi żgħar fuq stil ta' Ġusti jew aħjar dak Lhudi. Hu ħadem għal snin twal fit-tarzna ta' Malta u kien isib il-ħin biex itella' x-xogħol tal-pasturi għal kważi 40 sena. Nistgħu ngħidu li l-pasturi tiegħu ġrew ma' kull parti tal-gżejjer Maltin. Min jaf kemm tal-Mużew xtraw il-pasturi tiegħu għax barra li ma kienx iżomm ħafna flus dejjem ħadem minn qalbu biex jgħinhom.

Lorenzo Farrugia u ibnu Salvu minn Għawdex ħadmu ħafna xogħol tat-tafal. Lorenzo li miet fl-1983 kien pasturaru, wieħed minn tal-aħħar u s-sengħa tiegħu għaddieha lil ibnu Salvu għalkemm dan kien impjegat bħala għalliem. Hu ta' interess partikulari li Lorenzo, barra l-forom tal-ġibs verġni, kellu wħud tal-metall. Jidher li Lorenzo kien ixarrab bl-ilma l-forom qabel ma jross it-tafal fiha. Jien kont nuża ftit żejt tal-ikel u mgħallmin oħrajn kienu jferrxu għabra krojja fil-forma qabel ma' jrossu t-tafal fiha. Lorenzo jagħmel pasturi bil-kostum Malti jew b'dak Lhudi; kien hemm oħrajn bil-kabozza jew bil-barżakka. Barra l-pasturi tas-soltu, Lorenzo kien iżid xi wieħed mal-ħmara tiegħu, ieħor jagħlifha, xi wieħed jaħrat bil-ħmara u bil-baqra u azzjonijiet oħra bħal dawn li jmorru lil hinn mill-pasturi tradizzjonali Maltin.

Tajjeb li nagħlaq dan l-artiklu billi nsemmu lil Majsi Zahra Tal-Għadmu mir-Rabat Għawdex li kellu ħanut tal-grocer u li kien jaħdem pasturi għall-gosti u l-but ta' kulħadd. Kien jagħmel pasturi żgħar tal-mass production biex jinbigħu bl-irħis, kellu oħrajn xi ftit ikbar li kien jirfinhom xi ftit aħjar minn oħrajn u kien jagħmel il-kbar ukoll. Dan Tumas Zahra (1887-1972) kien jaħdem bit-tafal u beda minn età żgħira juża l-forom għax-xogħol tiegħu. Kien jaħdimhom fis-sajf u f'Settembru jibda x-xogħol taż-żebgħa. Hu kien iżomm l-istil orjentali u juża ż-żebgħa tat-trab bil-kolla tal-mastrudaxxa. Barra li kien ibiegħ il-pasturi tiegħu mill-ħanut tal-ħaxix li kellu fir-Rabat kien iqassam ukoll fi ħwienet oħra. Majsi kellu d-drawwa li jagħti passata lostru tal-gomma lakka flok verniċ lill-pasturi tiegħu.

# Ftit nafu bihom ...

MINN FRANS CHIRCOP

### Ir-rigal li ma wasalx

Ir-Re Alfonsu XII ta' Spanja kien tilef lil missieru meta hu kien għadu tifel, u trabba' minn ommu, ir-Reġina Omm, b'ċerta dixxiplina. Darba waħda, lejlet il-Milied, meta l-prinċep kellu seba' snin, huwa qiegħed iż-żarbun tiegħu fuq ħoġor it-tieqa, skond id-drawwa Spanjola, bit-tama li jsib fihom rigal mingħand is-Slaten Maġi.

Iżda l-għada, jum il-Milied, il-prinċep, flok rigal, sab nota mingħand ommu: "Lill-għażiż tagħna, ir-Re ta' Spanja-Inti kont qed tistenna rigal, sabiħ ħafna, hekk kif rejiet jagħtu lil xulxin, iżda aħna ma tajniekx rigal apposta, għax irriduk li jkollok diżappunt din id-darba. Sultan għandu jkun jaf x'ifisser diżappunt, għaliex hu kultant jiddiżappunta lil ħaddieħor, u jġiegħel lil ħaddieħor jagħmel dak li ma jridx jagħmel. Għalhekk għandu jkun jaf x'iħoss ħaddieħor billi jkun ħass hu stess.
Meta ssir raġel u jkollok kull ma trid, tinsiex li hemm ħafna nies fid-dinja li ma għandhom xejn; għalhekk għandek tinnota dawn l-affarijiet tristi biex ma tagħmilhomx int lil ħaddieħor kull meta tkun tista'."

### Il-Barka tal-Papa bil-Malti

Meta' daħal ir-radju, dawk li kienu jaffordjaw li jkollhom wieħed, kien ikun l-għors tagħhom nhar il-Milied, għall-ħabta ta' nofsinhar, jiftħulu fuq l-istazzjon tar-Rai biex jisimgħu l-barka tal-Papa minn ġol-Pjazza ta' San Pietru, fil-Vatikan. Kienet dejjem tingħata bil-Latin. ħafna ma kienux jifhmu xi jkun qiegħed jingħad għajr x'ħin kienu jisimgħu, Pater et Filii et Spirito Sancto, Amen... bil-Malti s-sinjal tas-salib. Iż-żminijiet ġabu bidla radikali fit-teknoloġija u l-wasla tat-televiżjoni kienet ressqet il-gallarija tal-Vatikan aktar qrib il-poplu Malti u tad-dinja kollha. Issa b'din l-invenzjoni, nhar il-Milied f'nofsinhar, ħafna Maltin, bħal miljuni oħra madwar id-dinja, isegwu l-barka Urbi et Orbi li l-Papa jagħti lin-nazzjonijiet kollha. Kif għidt aktar 'il fuq, din il-barka bdiet tiġbed ħafna interess speċjalment mill-Milied tal-1980 'l hawn, għax minn dik is-sena l-Papa San Ġwanni Pawlu II beda jagħti l-awguri tiegħu ukoll bl-ilsien Malti. L-istazzjonijiet televiżivi ewlenin Maltin kollha jxandru dirett it-trażmissjoni tal-barka minn Pjazza San Pietru fil-Vatikan.

### Ikel Tradizzjonali Malti tal-Milied

Għall-Milied, il-familji Maltin jinġabru u jippreparaw ikel ftit jew wisq differenti mis-soltu. Qabel, kien ikun hemm l-imqarrun, patata l-forn, jew xi torta mħawra li jaqsmulek qalbek bil-fwieħa tal-ingredjenti li kien ikun fihom. Dawn kienu jittieħdu għand tal-forn u kien jorbot ċomba bin-numru mad-dixx u oħra bl-istess numru jagħtihielek. Imbagħad xi ngħidu għall-pastizzi u l-qassatat u l-qagħaq tal-għasel. Popolari kienu ukoll il-qastan, l-imbuljuta (xarba magħmula mill-qastan), u l-ixkumvat (qisu spagetti moqli u miksi biz-zokkor). Illum l-iktar

*Ikompli f'paġna 27*

ikla popolari tal-Milied hija d-dundjan jew serduk il-forn. Bħala deżerta kien ikun hemm xi trifle, karawett, il-pudina tal-Milied flimkien ma' tazza nbid magħmul mill-għenba Maltija.

Ix-xarba tal-imbuljuta tista' tgħid li hi xarba Maltija. Din kienet l-aktar tiġi offruta wara l-quddies ta' nofsillejl, x'ħin il-familji kienu jirritornaw id-dar wara l-quddies u f'dak il-lejl ta' ksieħ kienu jissaħħnu b'kikkra imbuljuta. Il-kokkodina, il-qastan, l-imsiemer tal-qronfol, iz-zokk tal-kannella u l-qoxra tal-mandolina huma l-ingredjenti prinċipali. Għad hawn irħula li wara l-quddiesa ta' nofsillejl, jidħlu fis-sagristija u jieħdu kikkra mbuljuta. Tinżillek għażel ma' biċċa qagħqa tal-għasel.

### Straġi fil-presepju tiegħi

F'ħajti dejjem b'xi praspura. Meta' kien jasal il-Milied kien ikun l-għaxqa tiegħi u ta' ħija nibnu l-presepju tad-dar bil-ġebel rustiku. Illum il-ġurnata ftit fadalli minn dan il-ġebel. Konna ndumu s-sigħat sħaħ narmawh. Dejjem wara l-ħin tax-xogħol. Ġieli domna sa tard bil-lejl biex inlestuh. Pero' meta kien ikun lest, konna nkunu sodisfatti u ma nibqgħux nisimgħu tgergir mingħand il-mara u t-tfal għax ħammiġna kullimkien.

Meta kienu jaslu l-ġranet sbieħ tal-Milied jien u ħija konna, bit-tfal ħdejna, nagħmlu l-pasturi. Minn ipoġġi xi rieqed wara xi blata, minn jaħseb li jpoġġi lil tax-xrik ħdejn id-daqqaqa....u fl-aħħar il-pasturi jsibu posthom biex iqattgħu l-kumplament tal-festi, stenduti qishom suldati lesti għall-ordni.

Ħaġa tal-iskantament kull darba li nidħol id-dar wara ġurnata xogħol, kont insib il-pasturi mċaqalqin. Maqlubin, mal-art, l-ilma dejjem nieqes, in-nagħaġ qishom ġera xi kelb warajhom....insomma ħerba wara ħerba. Dejjem weħlu t-tfal tiegħi. Inkella l-mara forsi ippruvat tirranġa xi pastur u waqqgħet ta' quddiem. Ħadd ma kien hu li kien qed jagħmel din l-istraġi. Fl-aħħar għedt nagħmel l-għassa. U hekk sar. Ħaġa tal-iskantament din il-ħerba kollha kienet qegħda issir mill-qattus tiegħi. Meta ma konniex inkunu d-dar, kien jitla' fuq il-presepju u kien jagħti s-salt għall-anġli, li kienu telgħin u neżlin u l-istilla li kienet timxi fuq żewġ ħariret tas-sajd, biex jipprova jaqbadhom. Kien joqgħod fuq xi kamra u hekk kif jara l-anġli neżlin jew telgħin, jew l-istilla qorbot lejh, kien jagħti s-salt biex jaħtafhom. Addio l-pasturi li hemm taħtu. Għamilt ftit għassa oħra u wara l-battikata u l-ħerba li kien jagħmel, kien imur jixrob minn ġol-vaska żgħira li kelli ftit 'il bogħod mill-grotta. Biex jgħaqqadha kien imur jitmattar ġol-grotta u mhux l-ewwel darba li waqqgħet xi ġebla fuqu.

Insomma, bejni u bejn ruħi ħsibt li kien Erodi li kien qabbdu jagħmel straġi bħal din fil-presepju tiegħi!! Pero', wara ftit, malajr kien itir dan il-ħsieb għax.....kos, Erodi ma kienx jaf fejn twieled il-Bambin għax ipprova jitkixxef mingħand il-Maġi. Allura ma setax ikun hu li bagħtu. Le, le, din il-ħerba kienet qed issir minn...Taz, il-qattus tal-familja!!!



# San Ġorġ Preca,

## il-Qaddies li ta spinta ‘l quddiem l-ispirtu tal-Milied

MINN JOSEPH C CAMILLERI BA., DEAM., M.ED (OK & MGT)



Il-ħajja ta’ San Ġorġ Preca kienet waħda Kristuċentrika. Kien bniedem li quddiem għajnejh kien jara kif jagħmel u jxandar it-tagħlim tal-Ħallieq Divin. Ġesù Kristu kien dejjem f’ moħħ San Ġorġ. Kull fejn kien ikun kien jagħmel minn kollox biex bl-eżempji u bil-fomm iwassal fi kliem sempliċi t-tagħlim tal-Imgħallem. Kristu kien fiċ-ċentru tal-ħidma saċerdotali ta’ San Ġorġ. Kien dejjem jaħseb fuqu, dejjem jitkellem fuqu u kien dejjem jikteb fuqu. Bħal kull min tassew iħobb, ikun jixtieq li dan il-maħbub tiegħu, jkun aktar magħruf u għalhekk aktar maħbub minn ħaddieħor. Hekk għamel San Ġorġ Preca. Hu għadda ħafna żmien jikteb dwar Kristu u t-tagħlim tiegħu. Waħda mill-aspetti li ħadem fuqu kien il-misteru tal-Inkarnazzjoni.

### Id-devozzjoni lejn il-kliem Verbum Dei

Kien San Ġorġ Preca li beda jinsisti biex ixerred id-devozzjoni lejn dawn il-kliem – Verbum Dei Caro Factum Est. Il-qawwa ta’ dawn il-kliem, San Ġorġ esperjenzaha huwa stess. Kien fil-mument tal-mewt ta’ missieru li ħass il-ħtieġa li jikkonsla mill-aħjar li jista’ lil missieru. Ġieh f’moħħu li jikteb il-frażi Verbum Dei Caro Factum Est... bil-Malti “l-Iben tal-Alla sar Bniedem” u poġġihom fuq missieru. Wara li missieru miet, dan deherlu u qallu li kellu ġudizzju ħanin ħafna. Barra dan, waqt it-Tieni Gwerra Dinjija, kien hemm nies li waħħlu dawn il-kliem maddjar tagħhom u dawn salvaw il-propjetà mill-attakki tal-għadu. Ħafna familji waħħlu dawn il-kliem malbibien ta’ barra biex meta wieħed jidħol jew joħroġ mid-dar jgħid dawn il-kliem. Dawn il-kliem kienu jidhru wkoll malkabina tax-xufier fuq il-karozza tal-linja. Dawn il-kliem kienu ferm għal qalb San Ġorġ Preca, tant li anke fuq il-badge tal-M.U.S.E.U.M jidhru.

### Ħidma biex id-devozzjoni lejn il-misteru tal-Inkarnazzjoni tiżdied

San Franġisk t’Assisi ħoloq ix-xena tat-Twelid tat-Tarbija ta’ Betlem iżda




kien San Ġorġ Preca li ħa x-xbieha tal-Bambin fit-toroq u fl-imsieraħ tal-bliet u l-irħula Maltin u Għawdxin. Hu organizza d-dimostrazzjoni ta' lejlet il-Milied bix-xbieha ta' Ġesù Bambin. Fl-1920 waqt li San Ġorġ kien imur biex iqarar il-Ħamrun, mar iżur il-fergħa tad-duttrina ta' din il-lokalità jippreparaw għall-festa tal-Milied. Meta ra dan l-entużjażmu kollu, San Ġorġ dar fuq is-superjur u ssuġġerixxa li jsibu xbieha tal-Bambin u joħorġu bih mill-qasam u jagħmlu manifestazzjoni mat-toroq tal-Ħamrun. Is-soċji ma sabux minnfejn jixtru xbieha ta' Bambin; iżda fl-aħħar sabu wieħed patri Franġiskan tal-Konventwali tal-Belt Valletta (il-patrijiet ta' Putirjal) li sellifhom wieħed u ħarġu biħ fost il-mixgħela u l-kant tal-Milied.

San Ġorġ ra li din id-dimostrazzjoni spontanja kienet suċċess. Ta' min jgħid li l-ispirtu tal-Milied f'Malta ma tantx kien jinħass. San Ġorġ ried jara x'jagħmel biex iqajjem dan l-ispirtu. L-unika soluzzjoni li ra kienet id-dimostrazzjoni, li kienet saret fil-Ħamrun. Dan il-messaġġ San Ġorġ wasslu mas-soċji waqt laqgħa. Is-soċji ma kinux imħejjijin għal din id-dimostrazzjoni, iżda l-entużjażmu kiber ftit jiem wara. Ħadu x-xbieha ta' Bambin li kien jinsab fil-knisja tal-Madonna tas-Samra, ftit passi 'l bogħod mill-qasam tal-Ħamrun. Din id-dimostrazzjoni ħarġet lejlet il-Milied tas-sena 1921. Kienet suċċess għaliex ħafna ħadu sehem fiha. Min beda ġej b'xi fanali tax-xemgħa. Oħrajn ġabu magħhom fanali tar-roti li kienu jixegħlu bl-aċitelena. Oħrajn ġabu blalen tal-karti u xi wħud ġabu weraq tal-palm. Il-Bambin żammu wieħed mis-soċji f'idejh. Kulħadd sab postu u d-dimostrazzjoni bdiet iddur minn Tas-Samra għal madwar il-knisja parrokkjali ta' San Gejtanu. Bil-kant ħelu tat-tfal tal-innijiet ta' Adeste Fideles u l-Benniena ta' Ġesù Bambin (Ninni La Tibkix Iżjed) ferrħu lin-nies tal-Ħamrun.

Matul is-snin, id-dimostrazzjoni saret magħrufa mal-poplu Malti bħala l-purċissjoni tal-Bambin. Bil-mod il-mod bdiet tinxtered mal-bliet u l-irħula ta' Malta. Xi kultant mid-deni jaf joħroġ il-ġid. Faqqgħet il-gwerra u xi soċji tal-M.U.S.E.U.M, mill-qasam ta' Malta, kellhom imorru Għawdex. Hemm, dawn is-soċi ħadu l-inizjattiva u organizzaw







id-dimostrazzjoni bil-Bambin fil-Milied. B'hekk daħlet din id-drawwa f'Għawdex ukoll. Minn wara t-Tieni Gwerra Dinjija, din id-dimostrazzjoni daħlet fil-pajjiżi barranin, fejn is-soċji tal-Mużew marru jagħmlu l-ħidma tagħhom pastorali. Maż-żmien din id-dimostrazzjoni bdiet tiżviluppa bħala karatteristika tal-poplu Malti għal żmien il-Milied. Minn fejn kienet tgħaddi l-manifestazzjoni, il-familji Maltin kienu jżejnu d-djar tagħhom billi jpoġġu xi lampa fit-tieqa li tagħti għal barra jew fil-bieb ta' barra biex jieħdu parti fil-mixgħela li tkun għaddejja minn quddiemhom. L-għors tat-tfal kien ikun kbir meta jaraw xi presepju armat f'xi dar għax kienu jieqfu u jammiraw is-sbuħija tiegħu.

Iż-żmien itir u llum nistgħu ngħidu li din il-manifestazzjoni bil-Bambin daħlet fil-kalendarju tal-Kumitat Festi Nazzjonali. Dawn jistiednu fergħa tal-Mużew ta' xi raħal jew belt biex iferrħu lin-nies fit-toroq tal-Belt Valletta, waqt il-jiem tal-festi tal-Milied. Dawn jimxu tul it-Triq ir-Repubblika, tieqaf f'Misraħ l-Assedju, fejn ikun hemm palk armat apposta u jsir programm ta' kant ta' għanjiet tal-Milied. Il-qofol tas-serata tkun il-prietka minn tfajjel fuq il-ġrajja tat-Twelid tal-Bambin. Din it-turija ta' ferħ tkun tidher sew fost it-tfal bil-kant u l-ferħ fuq wiċċhom.

## Il-Presepji

San Ġorġ Preca ried li t-tfal li jattendu l-lezzjonijiet tad-duttrina, jiġu mogħtija presepju jew xi grotta jew xi xbieha tal-Bambin bħala rigal f'Jum il-Premjazzjoni. L-idea ta' San Ġorġ kienet li, għall-festa tal-Milied, ikun hemm xi presepju kbir jew żgħir, jew xi xbieha ta' Ġesù Bambin, fid-djar tal-Maltin. Dawn il-presepji/grotti, kienu jiġu magħmula fis-sajf mis-soċji stess wara l-lezzjonijiet tad-duttrina a spejjeż tagħhom stess. Xi soċji kienu jagħmlu wkoll il-pasturi. Tajjeb li wieħed jiftakar li San Ġorġ Preca kellu ukoll presepji d-dar tiegħu. Fost dawn qiegħed nipproduċi ritratt ta' Patri Dijonisju Mintoff ma' wieħed minnhom. Dan jinsab għand familja privata. Dan il-presepju/grotta jew ix-xbieha kien jiżżejjen bil-ġulbiena, xgħir jew skalora mkabbra fuq

it-tajjar, kif ukoll xemgħat żgħar. F'xi familji, il-membri kienu jinġabru madwar il-presepju u kienu jgħidu xi talba jew ikantaw xi għanja.
San Ġorġ Preca kiteb ħafna kotba b'talb speċjali bħala tħejjija għall-festa tal-Milied li kienu jintużaw mis-soċji tal-għaqda tiegħu. Hu ried li kull soċju jkun ippreparat għall-festa li tfakkar it-twelid tas-Sinjur tagħna Ġesù Kristu. Għalhekk ħoloq l-Iskola ta' Betlem. Dan hu maqsum fuq parti riflessjonijiet u parti fuq talb. Wieħed irid jiftakar li l-Knisja, f'dawk iż-żminijiet, kienet aktar tagħti importanza lill-festi tal-Ġimgħa l-Kbira. Il-Milied u l-Għid kienu meqjusa bħala festi 'sekondarji'. San Ġorġ, għalkemm kien devot ħafna tal-festa tal-Ġimgħa l-Kbira, kien dejjem iħoss li t-twelid tal-Bambin kien importanti ukoll fil-liturġija tal-knisja. Pero' biex ibiddel l-mentalita' tal-knisja u tal-poplu rrikorra għall-kitba fejn beda joħroġ ktejjeb forma ta' talb. Il-ktejjeb, l-Iskola ta' Betlem, huwa wieħed minnhom. Għal San Ġorġ Preca, il-ġrajja tat-twelid ta' Kristu hija tagħlima kbira, kollha kemm hi. Fiha minjiera ta' riflessjonijiet fejn il-bniedem jitgħallem ikun umli, jgħix ħajja sempliċi bbażata fuq it-tagħlim tal-Vanġelu. Illum, dawk li jippreparaw il-funzjonijiet tal-Milied qed jirrikorru għal dan il-ktejjeb, speċjalment waqt in-Novena tal-Milied.
X'kien ikun il-Milied f'Malta kieku San Ġorġ Preca ma kienx jgħix f'Malta? Il-faqar tal-ispirtu tal-Milied, li kien jaħkem f'Malta, kien jitħallat mad-dħul tad-drawwiet Ingliżi li bdew deħlin minn wara t-Tieni Gwerra Dinjija. Imma grazzi għal San Ġorġ Preca, il-presepju, għalkemm għadda minn battikata kbira wara t-Tieni Gwerra Dinjija, reġa' ħa r-ruħ. Dak ir-rigal tal-grotta/presepju f'jum il-premjazzjoni, kellu effett fuq is-soċjetà/familja Maltija. San Ġorġ Preca għen ukoll biex l-għanjiet tal-Milied jerġgħu jieħdu l-ħajja. San Ġorġ użahom biex idaħħal il-Maltin fl-ispirtu qaddis f'lejlet il-Milied. Il-prietka tat-tfajjel, li taf il-bidu tagħha fis-seklu 19 meta fl-1883 it-tfajjel Ġorġ Sapiano kien għamel il-prietka tal-Milied fil-knisja parrokkjali ta' Ħal Luqa, kompliet tissaħħaħ grazzi għal San Ġorġ Preca u tal-ħidma tas-soċji tal-Mużew.





**Il-Milied u s-Sena t-tajba lil kulħadd ...**

mill-Kumitat u Membri, Għaqda Ħbieb tal-Presepju - Malta